Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnheim
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

**L-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati – Termini u Kundizzjonijiet**

## 1. Ħarsa ħafifa

L-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati tnediet fl-1 t'April tal-2026 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK), u l-għan tagħha hu li ttaffi mill-ispejjeż tal-pubblikazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' stampar ta' kotba ppubblikati Malta b'ISBN maħruġ mill-KNK.

It-tnedija ta' din l-iskema hija parti mill-Viżjoni Strateġika tal-KNK fuq Ħames Snin (2025-2030).

Il-fond annwali għall-2026 hu ta' €50,000, u l-fondi jitqassmu abbażi ta' min japplika l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-kotba eliġibbli għas-sussidju fuq il-prezz tal-karta huma dawk li ġew ippubblikati mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Diċembru tas-sena 2026.

Is-sussidju jkopri sa 40% tal-ispiża totali, sa massimu ta' €2,000 għal kull irċevuta u/jew prova ta' ħlas.

L-applikazzjonijiet għas-sussidju jiddaħħlu minn Submittable, iżda qabel tapplika qis li tkun qrajt dawn ir-regolamenti sewwa.

## 2. Għanijiet tal-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati

- Biex inwieżnu lill-industrija tal-pubblikazzjoni u b'hekk insaħħu l-kultura Maltija
- Biex inwessgħu l-aċċess għall-kotba lil komunitajiet differenti tas-soċjetà
- Biex inwieżnu lill-entitajiet tal-pubblikazzjoni sabiex ma joqogħdux lura milli jippubblikaw ċerti kotba, speċjalment dawk li jirrappreżentaw setturi mhux mismugħa mis-soċjetà

## 3. Min jista' japplika?

Għall-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati jistgħu japplikaw dawk l-entitajiet li jkunu ppubblikaw minn tal-inqas ktieb wieħed – b'ISBN Malti maħruġ mill-KNK - fit-tieqa taż-żmien hekk kif indikata aktar 'il fuq. L-applikanti jridu jkunu ċittadini jew residenti Maltin.

B'entitajiet li jkunu ppubblikaw qed nifhmu;

- Pubblikaturi;
- Kittieba awtoppubblikati
- Għaqdiet mhux governattivi (NGOs)

Il-pubblikaturi u l-NGOs jistgħu jibbenefikaw minn dawn is-sussidji sa massimu ta' €6,000 fis-sena (irrelevanti n-numru ta' kotba), filwaqt li l-kittieba awtoppubblikati jistgħu japplikaw għas-sussidju bi ktieb wieħed biss fis-sena.

Entitajiet pubbliċi mhumiex eliġibbli għall-Iskema tas-Sussidju għall-Pubblikaturi fuq il-Prezz tal-Karta għall-Istampar.

## 4. X'tip ta' spejjeż huma eliġibbli?

L-ispejjeż għall-istampar tal-karta biss huma eliġibbli għas-sussidju.

Kull tip ta' spiża oħra relatata mal-pubblikazzjoni ta' ktieb mhix se tiġi kkunsidrata u m'għandniex tiġi sottomessa fl-applikazzjoni.

L-ammont ta' sussidju mogħti jista' jitla' sa 40% tal-ispiża totali fuq il-prezz tal-karta, iżda ma jaqbiżx l-€2,000 għal kull irċevuta u/jew il-prova tal-ħlas.

Nota 1: L-ispejjeż eliġibbli għas-sussidju huma biss dawk ta' kotba li jkunu ġew ippubblikati fit-tieqa taż-żmien hekk kif imsemmija aktar 'il fuq (1 ta' Jannar - 15 ta' Diċembru 2026).

Nota 2: Ma jistgħux jiġu sottomessi fl-istess istanza rċevuti u/jew provi ta' ħlas differenti imma li jirreferu għall-istess ktieb. Bi "ktieb" hawnhekk qed nifhmu "proġett wieħed indiviżibbli". Jekk l-amministraturi tal-iskema jaraw li l-irċevuti u/jew il-provi tal-ħlas ġew diviżi artifiċjalment biex jittieħed is-sussidju għal kull irċevuta u/jew prova tal-ħlas għall-istess ktieb, dawn jistgħu jiddeċiedu li jiskwalifikaw l-applikazzjoni.

Nota 3: Is-sussidju jingħata darba biss għall-istess ktieb.

Nota 4: Kotba li jkunu ħadu l-Fond Malti tal-Ktieb jew li rebħu l-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ tal-KNK mhumiex eliġibbli biex tapplika għas-sussidju bihom.

Nota5: Jekk tkun ħadt fondi pubbliċi minn entitajiet oħra għall-prezz tal-karta għall-ktieb inkwistjoni, awtomatikament jagħmlek ineliġibbli għas-sussidju.

Nota 6: Il-kotba tal-iskola għat-tfal mhumiex eliġibbli biex tapplika bihom għal dan is-sussidju fuq il-prezz tal-karta.

## 5. Kif napplika?

Biex tapplika għall-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati trid timla l-formola kif indikata minn Submittable hawnhekk.

Jekk m'għandekx kont ma' Submittable, int mitlub l-ewwel toħloq kont biex wara tkun tista' ddaħħal l-applikazzjoni tiegħek.

Applikazzjonijiet li ma jiddaħħlux b'dal-mod mhux se jiġu aċċettati.

Ara li tkun qrajt dawn ir-regolamenti sewwa u tipprepara d-dokumenti mitluba qabel tibda l-applikazzjoni.

## 6. Xi rrid nissottometti?

Biex tapplika għall-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati trid tissottometti;

- Il-formola tal-applikazzjoni minn Submittable;
- L-irċevuta u/jew il-prova tal-ħlas mingħand l-istampatur.

Nota 7: Irċevuti u/jew provi tal-ħlas biss huma aċċettati. Fatturi (li jindikaw ftehim għal ħlas, iżda mhux li sar il-ħlas) mhux se jkunu aċċettati.

Nota 8: Is-sussidju jiġi applikat għal kull irċevuta/prova ta' ħlas li tehmeż fl-applikazzjoni.

Ara li l-irċevuta u/jew il-prova tal-ħlas tkun timmarka ċar;

- L-ammont imħallas;
- Id-data ta' meta sar il-ħlas;
- It-tip ta' spiża – li għandha tkun relatata biss mal-prezz tal-karta
- Isem il-ktieb/kotba li tkun qed tapplika għas-sussidju bihom
- Isem l-istampatur li ħdimt bih

Nota 9: Tista' tehmeż irċevuta/prova tal-ħlas li tkun turi spejjeż oħra mhux relatati mal-prezz tal-karta, iżda jekk tagħmel hekk trid timmarka ċar liema huma l-ispejjeż relatati mal-prezz tal-karta. Jekk ma timmarkax ċar liema huma l-ispejjeż relatati mal-prezz tal-karta, l-amministraturi tal-iskema jistgħu jiddeċiedu li l-applikazzjoni tiegħek tkun ineliġibbli.

Dokumenti oħra li teħtieġ biex tapplika bis-Submittable

- Dettalji tal-ktieb li qed tapplika għas-sussidju bih – il-qoxra u ħolqa/kuntatt minn fejn jinsab għall-bejgħ
- In-numru tal-ISBN tal-ktieb
- Kopja tal-Karta tal-Identità/Permess ta' Residenza tal-applikant
- Il-Formola tal-Għajnuna Statali De Minimis

## 7. Kif se nitħallas?

Ladarba tkun applikajt bis-Submittable agħti ċans sa massimu ta' 5 ijiem xogħol sabiex l-applikazzjoni tiegħek tiġi pproċessata.

Id-dokumenti li tkun hemiżt jiġu skrutinizzati u ċċekkjati skont il-kriterji tal-eliġibbiltà imsemmija hawn fuq.

Jekk l-amministraturi tal-iskema jiddeċiedu li għandek tieħu s-sussidju, isir kuntatt mal-applikant biex dan jgħaddi d-dettalji tal-bank tiegħu/tagħha. F'dan il-kont jiġi ddepożitat is-sussidju bi transfer bankarju biss.

Nota10: Mhux se jsir ħlas ta' sussidju b'mezzi oħra.

Nota 11: Jekk l-applikazzjoni tiegħek tiġi aċċettata, tintalab mill-amministraturi tal-iskema sabiex tibgħat id-dettalji bankarji tiegħek. Jekk dawn id-dettalji ma jintbagħtux fi żmien 3 ijiem tax-xogħol, l-applikazzjoni tiegħek taqa'.

Kull applikant se jkun infurmat bid-deċiżjoni tal-amministraturi tal-iskema. Id-deċiżjoni tal-amministraturi tal-iskema hi finali.

## 8. Ir-Regolament De Minimis – Regoli Applikabbli għall-Għajnuna Statali

L-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati qed tkun implimentata skont il-proviżjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023, dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis.

L-għajnuna de minimis totali mogħtija lil kull impriża waħda m'għandhiex taqbeż il-€300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Minħabba f'hekk l-applikanti għal dal-fond mitluba jipprovdu flimkien mall-applikazzjoni tagħhom, Formola ta' Dikjarazzjoni t'Għajnuna mogħtija mill-Istat li fiha jikkonfermaw l-ammont ta' għajnuna de minimis li rċevew u/jew applikaw għalija fil-perjodu applikabbli ta' 3 snin.

L-akkumulu tal-għajnuna għandu jsegwi r-regoli f'Artiklu 5 tad-de minimis. L-għajnuna tal-Iskema tas-Sussidju għall-Pubblikaturi fuq il-Prezz tal-Karta għall-Istampar m'għandhiex tingħadd ma' għajnuniet governattivi oħra li jkopru l-istess spejjeż. Jekk ikun jidher ċar li l-proġett ingħata fondi separati għall-istess spejjeż, jiġifieri dak li jkun ikun bill sebgħu darbtejn, il-proposta tkun ikkunsidrata bħala ineliġibbli u l-fondi mogħtija jkunu jridu jitreġġgħu.

## 9. Kellimna

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar jekk intix eliġibbli, għandekx id-dokumenti mitluba, jew ma jirnexxilekx tapplika bis-Submittable, ibgħat email lil Matthew Borg fuq matthew.borg@ktieb.org.mt jew ċempel fuq 356 27131574 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9am u l-4pm.

L-indirizz tagħna huwa: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776.